**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Shamison Stafrace**

**Kumpilazzjoni Nru: 276/2016**

Illum 20 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shamison Stafrace, ta' 18 –il sena,, iben missier mhux maghruf u Stephanie Stafrace, imwieled il-Pieta, nhar l-1 ta' Gunju, 1997 u residenti fil-fond Binja Zifla, Ent A, Flat 6, Triq il-Madonna tar-Ruzarju, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 212197(M).

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Mejju, 2016 bejn 13:32hrs u 16:19hrs gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, cioe gewwa ajruplan tar-Rynair FR 9875 ikkommetta serq ta' mobile tal-ghamla Blackberry u diversi flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur u li ma jeccediex elfejn, tlett mija, u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat gahll-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali inkluz ir-rapport tal-probation officer.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali netta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ir-rapport tal-probation officer mill-liema jidher li l-imputat mhux idoneju ghal servizz fil-kommunita peress li rrizulta pozittiv ghal xi sustanzi illeciti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar, dan bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jindirizza kwalunkwe problema relatata ma' tehid ta' drogi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti qed tordna in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**